## REGJUN XLOKK

IL-BELT VALLETTA (CITTA' UMILISSIMA), IL-BIRGU (CITTA' VITTORIOSA), L-ISLA (CITTA' INVICTA), BORMLA (CITTA' COSPICUA), HAZ-ZABBAR (CITTA' HOMPESCH), IZ-ZEJTUN (CITTA' BELAND),IL-FGURA, FLORIANA, IL-KALKARA, MARSA, MARSASKALA, MARSAXLOKK, PAOLA, HAL TARXIEN, IX-XGHAJRA.

# Minuti tal-Laqgha Nru. 19 / 2011

Il-Laqgha Nru 19/2011 tal-Ewwel Amministrazzjoni
saret il-Hamis, 27 ta' Settembru 2011 fis-6.30pm
fl-Ufficcji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien
f' 73 Triq Santa Marija, Tarxien. Data u hin

**Prezenti ghal-laqgha :** Attendenza

| | |
|---|---|
| Chev. Paul Farrugia | President, , Sindku Tarxien |
| Is-Sur Joseph Casha | Sindku Isla |
| Is-Sur Dominic Agius | Sindku Zabbar |
| Is-Sur Joseph Attard | Sindku Zejtun |
| Is-Sur Anthony Degiovanni | V/Sindku Fgura |
| Is-Sur Nigel Holland | Sindku Floriana |
| Is-Sur Francis Debono | Sindku Marsa |
| Is-Sur Mario Calleja | Sindku M'Scala |
| Is-Sur Tony Valvo | Sindku Xghajra |
| Is-Sinj. M'Lourdes Lautier | Segretarju Ezekuttiv |

**Skuzati :**
Sindku Kalkara

**Assenti :**
Sindku Valletta
Sindku Birgu
Sindku Bormla
Sindku Marsaxlokk
Sindku Paola

Il- President, Chev. Paul Farrugia, qal it-talba u ppresieda l-laqgha li bdiet fis-6.40pm.

19.1 **<u>Qari u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

Il-Laqgha Regjonali precedenti, ie mghajta fit-20 ta' Settembru 2011 ma setghetx issir peress li ma kienx hemm quorum.
Il-Minuti tal-Laqgħa Nru.17/2011 mizmuma fit-22 t' Awwissu 2011 u dawk tal-Laqgha Nru 18/2011 mizmuma fl-20 ta' Settembru 2011, kienu ġew iċċirkolati minn qabel, ghalhekk, il-President staqsa jekk jistgħux jiġu kkunsidrati bħala moqrija u talab l-approvazzjoni tal-Kumitat.
Il- Kumitat approva l-Minuti, liema minuti ġew iffirmati mill-President u mis-Segretarju Eżekuttiv.
Ta' min jinnota li originarjament din il-Laqgha kienet imsejha ghal-gurnata ta' qabel ie

fis-26 ta' Settembru pero' nzerta li hafna mis-Sindki kienu lahqu kellhom appuntament iehor flimkien u ghalhekk din thassret u bi ftehim mas-Sindki permezz tat-telefon saret illum.

## 19.2 **Punti Mqajjma**

### 19.2.1 Tender tal-LES

Il-president informa lil dawk prezenti li l-Mandat t'Inibizzjoni maghmul minn Aurelia Enforcement Ltd kien gie deciz favur ir-Regjun bl-ispejjez. Kien hemm zewg laqghat ohra pjanati ghal kontinwazzjoni ta' l-aggudikazzjoni tat-tenders pero' kellhom jigu postponuti peress li zewg membri kellhom impenji ohra konfermati. Laqgha ohra hi pjanata ghal-Gimgha 7 t' Ottubru 2011. LES Mandat t'Inibizzjoni

Gibed l-attenzjoni li d-dhul tal-multi mhux qed ikun regolari u skond il-ligi. Sal-lum kienu dahlu biss madwar €3000. Ir-Regjun baghat e-mail lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex dawn jghaddu l-multi mhallsa mill-lanqas darba fil-gimgha. Din giet mibghuta wkoll lill-Onor. Dr Chris Said u lid-Direttur, is-Sur Carm Abela. Hemm xi Kunsilli li sal-lum kien ghadhom ma ddepozitawx xejn mentri f'rapport mahrug mill-Authorised Officer illum stess juri li fil-fatt gew imhallsa multi ghandhom – fost dawn hemm il-Belt Valletta. Din hi misappropprazzjoni ta' fondi. Hu ghandu jerggha jigbed l-attenzjoni lid-Dipartiment biex jesigu huma wkoll li dan isir billi jiehdu passi huma permezz ta' Memo. Jekk jghaddi perjodu u jirrizulta li xi Kunsilli jkunu ghadhom fil-fatt ma jkunx iddeopzitaw il-flus li dahhlu minn multi mhallsa fil-Kunsilli taghhom, ir-Regjun ser jiehu passi legali kontrihom. Hlas ta' Kontravenzjonijiet

Is-Sindku tal-Furjana qal li b' din is-sistema l-gdida, il-Kunsilli ser jitnaqqsilhom l-introjtu u staqsa x' kien ser isir minn dawn il-fondi li jidhlu mir-Regjun.
Il-President qal li dan l-introjtu mill-LES qatt ma kien intiz biex wiehed isostni l-budget tal-Kunsilli; Minn dan l-introjtu r-Regjun kien ser jiffinanzja l-amministrazzjoni tar-Regjun kif ukoll l-ispejjez marbuta mas-sistema tal-LES.

Is-Sindku tax-Xghajra gideb l-attenzjoni li x-xahar precedenti il-Kumitat Kongunt tal-Fgura kien tilef €3600 u semma kaz fejn karozza wahda qaghlet 4 citazzjonijiet kuljum ghal numru sostanzjali ta' granet biex min tahom dawn ic-citazzjonijiet setgha jtellha l-kwota tieghu – izda fis-sistema dawn xorta jidhru bhala dhul wiehed.

Wara li dawk prezenti setghu jaraw ir-Rapport, li nhareg dakinhar stess, fejn juri kemm fil-fatt hargu u kemm thallsu kontravenzzjonijet minn kull Kunsill fir-Regjun, is-Sindku tal-Furjana rrimarka li l-ammont kbir ta' kontravenzjonijiet li nhargu fil-lokalita' tieghu, madwar 800 mill-1 ta' Settembru 2011, huwa rizultat tal-influss ta' nies li jipparkjaw hemm kuljum u semma li waqt li hemm inqas minn 2000 resident, ta' kuljum ikun hemm madwar 4000 impjegat li johonqu t-toroq tal-Furjana - hafna darba ghad dannu tar-residenti.

Il-President informa lil dawk prezenti li kienu qed isiru tahdidiet dwar l-impjegati tat-Tribunali Lokali biex jara jekk u kif ser jigu ntegrati mar-Regjun u li dak tal-Belt irrisponda xi granet ilu biss u dan wara intervent tas-Segretarju Parlamentari u d-Direttur. Responsabbli ghal dawn l-impjegati hemm RELOS pero ghal Belt din tithaddem mis-Sur Ernest Tonna. Gie a konoxenza tieghu li l-Kumitat Kongunt ihallas ammont ta' flus ghal-impjegati li parti minnha tithallas bhala Impjegati Tribunali Lokali

*commission*.
Wiehed ghandu jara x- sieghat jahdmu r-Registraturi/Skrivani/Kaxxiera. L-Authorised Officers qatt ma kellhom ftehim li jgib impjegati mieghu u jithallsu mill-Kumitat Kongunt. Ghalhekk qed isir ezercizzju mir-Regjun biex jara xi staff veru ghandu bzonn.

Skond l-Avviz Legali 232 tal-2011, ir-Registru tat-Tribunali Lokali ghandhom hinjiet specifici li jridu jkun miftugha ghall-pubbliku. Jirrizulta li dak tal-Belt mhux josserva din il-Ligi; ghalhekk wiehed isaqsi minn fejn qed isir ix-xoghol klerikali tat-Tribunal u kif qed jinqeda l-pubbliku ? Fis-sistema tat-thaddim tat-Tribunal tal-Belt hemm *decentralisation of power*. Illum fir-Regjun hemm zewg Kumitati Kongunti u tlett Kunsilli Lokali li jahdmu ghal rashom u li dawn tal-ahhar ghandhom ftehim (LES) ma' kuntratturi differenti ! Ftugh tar-Registri Tribunali Lokali

Il-Kumitati Kongunti kellhom jghaddu l-kuntratti kollha vigenti lir-Regjun u hawnhekk ukoll ghad hemm Kumitat Kongunt (Kunsill Lokali Valletta) li sal-lum ghadu m' ghamilx dan, anke wara l-intervent tas-Segretarju Parlamentari u d-Direttur. Sal-lum il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ghadu ma baghtatx kopja tal-agreement li ghandu ma' The Guard and Warden House Ltd dwar LES.
Sal-lum l-impjegati tat-Tribunali, il-Prosekutur, l-Authorised Officer, il-kumpaniji li jhaddmu l-Wardens, u running expenses ie dawl, ilma, kera insurance u connectivity (fost ohrajn li jista' jkun hemm) - jithallsu mit-Tribunali.
Is-Sindku tax-Xghajra qal li ghal issa kull Kunsill ghandu jaghmel ghad-deficjenza tar-Regjun.
Il-President semma li gie ssugerit li l-ispiza tal-hlasijiet (invoicing) li qabel kienu jitahallsu mill-Kumitati Kongunti, mill-1 ta' Settembru 2011 ssir fi 3 fazijiet ta' tlett xhur il-wahda f' porzjonijiet ta'

1. 1/3 jinhareg mir-Regjun u 2/3 mill-Kumitat Kongunt;
2. 1/2 jinhareg mir-Regjun u 1/2 mill-Kumitat Kongunt;
3. 2/3 jinhareg mir-Regjun u 1/3 mill-Kumitat Kongunt;

Ta' min jinnota li ghad baqa' hafna kontravenzjonijet mhux imhallsa.
Is-Sistema tal-LES trid tibqa tithaddem kif kienet sa minn qabel l-1 ta' Settembru 2011.

19.2.2 **Transport Pubbliku - Arriva**

Il-President informa lil dawk prezenti li wara granet ta' korrispondenza ma' Arriva biex isir appuntament ma' l-ufficcjal tal-Arriva dwar ir-rotot taghha fir-Regjun, irrizulta li dawn huma responsabbli ghalihom Transport Malta. Ghalhekk saret komunikazzjoni ma' Transport Malta, izda c-Chairman talab lir-Regjun biex jitnaqqsu t-talbiet fuq l-Agenda peress li hu kien diga' qed jiltaqa ma' whud mill-Kunsilli. Din il-laqgha hi skedata ghall-Hamis – 6 t' Ottubru 2011. Arriva Transport Malta

19.2.3 **Memo 71/2011 Skema ta' Finanzjament ghall-Kumitati Regjonali**

L-applikazzjoni relattiva ghal din il-memo giet sottomessa lid-Dipartiment ghal konsiderazzjoni. Memo 71/2011

19.2.4 **Tender RX 2/2011– Provision of Accounting Services on a Part-Time Basis**

Hatra ta' Accountant

Il-President ipprezenta lil dawk prezenti z-zewg Tenders li gew sottometti sal-20 ta' Settembru, 2011. L-ewwel Tenderer kien is-Sur Robert Borg u t-tieni Tenderer kien Mazars Consulting Ltd..

Gie nnota li z-zewg Tenderers kienu prezentaw kollox iffirmat kif suppost, li d-dikjarazzjoni kienet iffirmata, kif ukoll in-Non Collusive Tendering Certificate.

It-Tenders gew evalwati minn dawk prezenti, partikolarment mis-Sindku tax-Xghajra, kemm mill-aspett tekniku kif ukoll mill-aspett finanzjarju.

<u>Tenderer 1 – Robert Borg CPA</u>

c/o 19 Parish Priest Muscat Square, il-Hamrun

Prezenta Guarantee/Bid-Bond (Bank Of Valletta plc G12T26399) fl-ammont ta' €465.87 valida sal-20 ta' Dicembru 2011.

Ghandu esperjenza ta' 10 snin joffri servizzi ta' Financial Consultant u Certified Auditor.

Ghandu Warrant ta' Certified Public Accountant (CPA)

Jahdem *freelance* izda ghandu esperjenza ta' xoghol fost ohrajn ma' Sea Malta Co Ltd (credit control u budgetary controls), Financial Controller ghal Frosch Touristik u Financial Director ghal Hydroelectric Ltd. - izda ma semmiex li ghandu konoxenza/esperjenza ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali 1993, Avvizi Legali relatati mall-Kunsilli Lokali, Proceduri tal-Kunsilli Lokali (1996) u Memos Departimentali kif imsemmi fl- iSpecific Conditions tat-Tender (Artiklu 01.c page 15).

Semma li jista jkun li jkollu bzonn servizz ta' Accounting Assistant (mhux msemmija fit-Tender Doc izda li jipprovdih hu) biex isir accounting input biss.

Hu familjari (fluent) f' sistemi komputerizzati.

Il-prezz kwotat mis-Sur Robert Borg - inkluz il-VAT - hu ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11646.87).

<u>Tenderer 2 – Mazars Consulting Ltd (C29387)</u>

Sovereign Building 32 Triq iz-Zaghfran, Attard.

Prezentaw Guarantee/Bid-Bond (HSBC Bank Malta plc 8820111894) fl-ammont ta' €466 valida sal-20 ta' Dicembru 2011.

Mazars Malta ilhom stabbiliti aktar minn 10 snin joffru servizzi ta' Accounting u Auditing.

Mazars Malta hi membru ta' Mazars (prezenti f' 61 pajjiz f' 5 kontinenti)

Mazars tispecjalizza f' Auditing, Accounting, Tax u Advisory Services li toffrihom lil diversi entitajiet (Proposal Pg 8).

B' referenza ghall-Att dwar il-Kunsilli Lokali 1993, Avvizi Legali, Proceduri tal-Kunsilli Lokali (1996) u Memos Departimentali, Mazars tghati servizz taghha lil Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien u sa ftit ilu kienet tipprovdi servizz ta' Auditing f' diversi Kunsilli Lokali f' isem l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika.

Mazars tuza sistemi komputerizzati varji, inkuz Sage.

Il-prezz kwotat minn Mazars Consulting Ltd - inkluz il-VAT - hu ta' tlett elef tminn mija u erbgha u disghin Euro (€3894).

<u>Evalwazzjoni Teknika</u>

Iz-zewg tenderers provdew Bid Bond valida.

Skond il-kundizzjonijiet msemmija l-iSpecific Conditions of Contract (pg15), fosthom, jidher li z-zewg Tenderers ghandhom esperjenza ta' Accounting ta' aktar minn hames snin f' diversi oqsma. It-tnejn ikkonfermaw li juzaw sistemi komputerizzati kif rikjest fit-Tender.

Pero' Mazars Consulting Ltd ghandu dik l-esperjenza specifikamant rikjesta

fit-Tender (Att dwar il-Kunsilli Lokali 1993, Avvizi Legali relatati mall-Kunsilli Lokali, Proceduri tal-Kunsilli Lokali (1996) u Memos Departimentali - Artiklu 01.c page 15) billi gia provdiet servizz ta' Auditing f' diversi Kunsilli Lokali f' isem l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika u prezentement toffri s-servizzi taghha lill-Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien.

Evalwazzjoni Finanzjarja

L-offerta tas-Sur Robert Borg kienet ta' **€11646.87**, waqt li ta' Mazars Consulting Ltd kienet ta' **€3894**.

Wara li dawk kollha prezenti evalwew teknikament u finanzjarjament iz-zewg tenders, qablu unanimament li l-aktar Tender vantaggjuz, kemm teknikament kif ukoll finanzjarjament huwa dak ta' Mazars Consulting Ltd.
Is-Segretarju Ezekuttiv ghandha tikkomunika ma' dawn iz-zewg Tenderers biex tinfurmhom bl-ezitu.

## 19.3 Affarijiet Finanzjarji

**Hlasijiet** Hlasijiet

Giet prezentat Payment Schedule u dawk prezenti approvaw dawn il-hlasijiet indikati fl-istess schedule.

## 19.4 Affarijiet Ohra

### 19.4.1 Logo ghar-Regjun

Il-President informa lil dawk prezenti li kienet saret kommunikazzjoni mas-Segretarju Ezekuttiv mis-Sur Adrian Strickland dwar logo ghar-Regjun. Logo
Id-Dipartiment kien ghadu sal-lum qatt ma reggha komunika lura mar-Regjun dwar il-Logo li kien pprezenta wara l-approvazzjoni mill-istess Kumitat Regjonali.
Wara li saret korrispondenza mad-Dipartiment dwar din il-laqgha u x' kien sar mil-Bord Dipartimentali li kellu jitwaqqaf apposta, is-Segreatrju attendiet ghal laqgha mizmuma fid-19 ta'Settembru 2011 mis-Sur Strickland flimkien mas-Segreatrji Ezekuttivi tar-Regjun Centrali u Nofsinhar biex tisma x'kellu xi jghid dwar il-logo. Pero' irrizulta li s-Sur Strickland ma kienx qed jirreferi ghal-logo maghzul mir-Regjun izda dwar proposta ta' logo iehor u li jkun relatat ma' logos tar-Regjuni l-ohra minbarra t' Ghawdex. Gie nfurmat li d-Dipartiment ma kienx ikkomunika mar-Regjun dwar din il-proposta/laqgha u gie nfurmat li r-Regjun kien gia iddecieda fuq livell Regjonali dwar il-logo tieghu. Is-Sur Strickland kellu jikkomunika mad-Dipartiment peress li qal li hu lanqas ma gie nfurmat li kienet gia ittiehdet decizjoni Regjonali dwar il-logo.
Komunikazzjoni li saret mid-Dipartiment fit-23 ta' Settembru 2011 informa lir-Regjun li f'dak li jirrigwarda Coat-of-Arms, id-Dipartiment jafda f' persuni kwalifikati specifikament f' dan il-qasam biex jassigura li l-kriterji kollha jigu milhuqa u li hi kompetenza tad-Direttur. Tghid ukoll li r-Regjuni u l-Kumitati Amministrattivi ser jigu notifikati eventwalment.
Dawk kollha prezenti ikkumentaw li l-arma m' ghandiex tigi mwikkija lir-Regjun bhal ma gara mal-Kunsilli Lokali.
Il-President gibed l-attenzjoni wkoll li mozzjoni li tkun ghaddiet minn laqgha tar-Regjun ma tistax titwaqqa hekk – hemm stabbilit bil-ligi dwar dan.

19.5 **<u>Għeluq tal-Laqgħa u Aggornament</u>** Gheluq

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.15pm.

Il-Laqgħa li jmiss ser tinzamm nhar it–Tnejn, 17 t' Ottubru, 2011 fis-6.30pm, fil-boardroom tal-Kunsill Lokali ta' Hal-Tarxien.

| | |
|---|---|
| ___________________________ | ___________________________ |
| **Chev. Paul Farrugia** | **M' Lourdes Lautier** |
| **President** | **Segretarju Ezekuttiv** |

Minuti approvati llum __________________, _______ ta'_____________________2011.
(Jum) (Data) (Xahar)